**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 7 TA' MARZU, 2002

**Numru: 21**

**Avviz Nru: 169/02 JB**

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**Carmen Spiteri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltija) dovuti ghall- xiri ta' merkanzija minghand is-socjeta attrici. Illi l-konvenuta bdiet taghmel xi pagamenti akkont, pero sallum ghad fadal thallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100).

Nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas il-konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil Dr. Tanya Sammut tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltija) rappresentanti ghall-merkanzija mixtrija minghand is-socjeta attrici, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**